MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2022

Appell Inferjuri Numru 31/2021 LM

**Louise Xerri (K.I. 276802L)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Ministeru għall-Ġustizzja Soċjali u s-Solidarjetà, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal; Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta; Malta Community Chest Fund**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Louise Xerri (K.I. 276802L)**, minn deċiżjoni tal-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] tal-14 ta' Diċembru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord sab lill-appellanta ħatja ta'

*professional misconduct* u *gross negligence* bi ksur tal-paragrafi (b) u (ġ) tal-artikolu 9(2) tal-Kap. 468 tal-Liġijiet ta' Malta, u bi ksur tal-klawsoli 6.1.1 u 6.1.6.ii tas-*Social Work Code of Ethics,* u kkundannaha għall-piena ta' twissija, u ssospendiha milli tagħmel *social work supervision* għal perijodu ta' tnax-il xahar.

**Fatti**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta lill-appellanta fl-14 ta' Mejju, 2021, hija ġiet infurmata mill-Bord li kienet qegħda tiġi investigata dwar *professional misconduct,* wara ilment li sar mill-*Malta Community Chest Fund Foundation*, fejn ġie allegat li l-appellanta għamlet talba għall-għajnuna f'isem ommha Rita Baldacchino, mingħajr ma indikat il-parentela ta' bejniethom.

**Mertu**

3. Fir-rapport imħejji mill-Bord, ingħad li fit-30 ta' Marzu, 2021 kien rċieva talba mill-*Malta Community Chest Fund Foundation* fil-konfront tal-appellanta, li hija *Principal Social Worker* ġewwa l-Isptar Monte Carmeli, għal investigazzjoni dwar allegazzjoni ta' imġiba professjonali ħażina, negliġenza qawwija u inkompetenza, u dan għaliex meta kienu qegħdin isiru verifiki dwar talba li saret mill-appellanta għan-nom ta' persuna, ġie stabbilit li l-appellanta hija bint il-persuna li saret it-talba f'isimha. Il-Bord ħatar Kumitat sabiex jinvestiga din l-allegazzjoni, liema Kumitat beda l-ħidma tiegħu fit-13 ta' Mejju, 2021. Permezz ta' korrispondenza rreġistrata, l-appellanta ġiet mgħarrfa li kien hemm għaddejja investigazzjoni fil-konfront tagħha, bl-allegazzjonijiet li saru

fil-konfront tagħha, u ġiet infurmata wkoll bil-proċeduri stipulati fl-*Enquiry Procedure* tal-Bord, li l-Kumitat kien qiegħed juża bħala regoli waqt l-investigazzjoni tiegħu. Fir-risposta tagħha għall-ittra tal-Bord, l-appellanta spjegat is-sitwazzjoni personali u soċjali ta' ommha, li hija saħqet li għandha bżonn l-għajnuna. Hekk kif intemmet din l-investigazzjoni, wara li l-partijiet ngħataw ċ-ċans jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom, il-Bord iddeċieda li l-appellanta għandha tinstab ħatja ta' imġiba ħażina u negliġenza serja, u ġie deċiż li hija għandha tiġi penalizzata billi din tingħata ċanfira, anki fid-dawl tal-fatt li dan kien l-ewwel inċident f'karriera twila, u li l-appellanta bħala ħaddiema soċjali rreġistrata ma tkunx tista' tagħmel *social work supervision* għal perijodu ta' mill-inqas tnax -il xahar, inkluż *supervision* ta' studenti tas-*social work,* u f'każ li r-rikorrenti tagħmel xi superviżjoni bħal din matul il-perijodu ta' sospensjoni, il-Bord iddeċieda li mhuwiex ser jaċċetta dan bħala validu. Wara tnax -il xahar, l-appellanta tkun tista' tressaq talba sabiex titneħħa s-sospensjoni, iżda l-Bord żamm id-dritt li jirrifjuta din it-talba f'każ li l-appellanta ma jirnexxiliex tipprova li hija tista' tipprovdi *appropriate social work supervision* li jkun konformi mal-Kodiċi tal-Etika tax-Xogħol Soċjali.

4. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Bord fl-14 ta' Diċembru, 2021, dan sab lill-appellanta ħatja ta' *professional misconduct* u *gross negligence* bi ksur tal-paragrafi (b) u (ġ) tal-artikolu 9(2) tal-Kap. 468 u tal-klawsoli 6.1.1 u 6.1.6.ii tas-*Social Work Code of Ethics,* fejn ingħad illi:

> *"The Social Work Profession Board (SWPB) has concluded its investigation into the allegation of professional misconduct by Ms. Louise Xerri (Social Work Warrant 004), filed by the Malta Community Chest Fund and received by the SWPB on 30th March, 2021.*

*The SWPB has concluded that Ms. Louise Xerri, Social Work Warrant number 004, has been found guilty of professional misconduct and gross negligence as per Social Work Act 9 (2) (b) & (g). Ms. Xerri's social work practice has been found in breach of Social Work Code of Ethics Clauses 6.1.1 and 6.1.6.ii.*

*As per Article 9(5) of the Social Work Act (Cap. 468), the penalties that the SWPB has decided to impose against the misconduct and negligence carried out by Ms. Xerri, are the following:*

a reprimand: *in view of the fact, that the Board took into consideration that this is Ms. Xerri's first incident of malpractice in a long career of social work practice,*

any other penalty as may be prescribed: *Ms. Xerri, a warranted social worker, is not authorised to offer social work supervision. This suspension, which will be valid for a minimum period of twelve (12) months from the date of issue of confirmation of the SWPB's decision applies to all possible applications of social work supervision, including that offered to social work students. During the period of this suspension, the SWPB will not accept any social work supervision facilitated by Ms. Xerri as valid. On termination of the suspension period, Ms. Xerri can forward an application with the SWPB to have the suspension lifted. The SWPB reserves the right to refuse to grant this request should Ms. Xerri fail to produce evidence that she can offer appropriate social work supervision which abides by the Social Work Code of Ethics.*

*To ensure adherence to this decision, the SWPB is also notifying the decision to the management of Mount Carmel Hospital."*

## L-Appell

5. L-appellanta appellat mid-deċiżjoni appellata permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-31 ta' Diċembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tannulla u/jew tħassar u/jew tirrevoka d-deċiżjoni appellata, permezz ta' liema l-appellanta nstabet ħatja ta' *professional misconduct* u *gross negligence* bi ksur tal-paragrafi (b) u (ġ) tal-artikolu 9(2) tal-Kap. 468, u bi ksur tal-klawsoli 6.1.1 u 6.1.6ii tas-*Social Work Code of Ethics,* u kkundannaha għall-piena ta' twissija u

ssospendiha milli tagħmel *social work supervision* għal perijodu ta' mill-inqas tnax-il xahar.

6. L-appellanta spjegat li hija *principal social worker,* u fost ix-xogħol li hija tagħmel hemm l-assessjar ta' persuni bi bżonnijiet, u fejn ikun indikat, issir talba biex il-*Community Chest Fund* tipprovdi għajnuna lill-imsemmija persuni. Spjegat li f'każijiet bħal dawn, is-*social worker* tista' biss tagħmel rakkomandazzjoni u mhux tiddeċiedi dwar jekk l-għajnuna għandhiex tingħata, u d-deċiżjoni dwar jekk l-għajnuna tingħatax jew le tispetta biss lill-*Community Chest Fund,* wara li jiġi eżaminat il-każ. L-appellanta spjegat li hija għamlet talba sabiex tingħata għajnuna konsistenti f'*microwave oven* lil Rita Baldacchino, anzjana ta' 80 sena li kienet tgħix waħedha fil-Għargħur. L-appellanta qalet li hija kienet irċeviet ittra mingħand Claire Micallef Pulé mill-*Malta Community Chest Fund,* fejn ġiet mgħarrfa li l-applikazzjoni ġiet rifjutata għaliex Baldacchino hija omm l-appellanta, u l-appellanta naqset milli tiżvela dan il-fatt fl-applikazzjoni tagħha. L-appellanta wieġbet li l-fatt li Baldacchino hija ommha, huwa għal kollox irrilevanti, u l-unika ħaġa li kellha tiġi eżaminata kienet jekk it-talba tagħha kienx jistħoqqilha li tiġi milqugħha jew le. L-appellanta kompliet tgħid li wara din il-korrispondenza, hija rċeviet ittra oħra mingħand Claire Micallef Pulé li bagħtet rapport lill-Bord sabiex l-appellanta tiġi investigata, u fl-14 ta' Mejju, 2021, l-appellanta irċeviet ittra mill-Bord li permezz tagħha hija ntalbet tissottometti l-kummenti tagħha, waqt li ġiet mgħarrfa bid-dati tas-seduti għas-smigħ tal-ilment fil-konfront tagħha.

7. L-appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata għaliex id-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett, stante li l-Bord assolutament ma ta ebda

konsiderazzjoni għall-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellanta fl-ittra tagħha tal-5 ta' Lulju, 2021. L-appellanta qalet li d-deċiżjoni appellata hija wkoll skarna u priva minn kwalunkwe motivazzjoni, fejn il-Bord jgħid biss li qiegħed isibha ħatja tal-akkużi kontra tagħha, mingħajr ma jagħti raġuni għalfejn hija nstabet ħatja. Qalet ukoll li f'dawn it-tip ta' deċiżjonijiet wieħed ma jistenniex li jsib xi motivazzjonijiet estensivi, però fid-deċiżjoni appellata m'hemm assolutament xejn ħlief li qed tinstab ħatja, u ma tingħata ebda spjegazzjoni ta' xejn dwar għalfejn qed tinstab ħatja.

8. L-appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata wkoll għaliex l-eċċezzjonijiet sollevati minnha bl-ittra tal-5 ta' Lulju, 2021, mhux talli kellhom jingħataw id-debita konsiderazzjoni, imma kellhom jiġu akkolti. Qalet li fil-każ odjern il-Bord kellu jappunta l-ilment għas-smigħ fi żmien 35 ġurnata minn dakinhar li rċieva l-ilment, xi ħaġa li l-Bord naqas milli jagħmel, u filwaqt li l-ilment fil-konfront tagħha ġie riċevut mill-Bord fit-30 ta' Marzu, 2021, is-smigħ ġie ffissat għall-20 ta' Lulju, 2021, u għalhekk kien għadda t-terminu stipulat mil-liġi. L-appellanta qalet li għalhekk il-proċedura kollha kienet affetta bil-perijodu ta' dekadenza stabbilit fir-Regolament 4.9 tas-*Social Work Profession Board Inquiry Procedure,* u għalhekk dak kollu li sar huwa null u mingħajr effett. L-appellanta qalet li fl-ittra tagħha hija qajmet ukoll l-eċċezzjoni li l-proċedura hija nulla għaliex il-Bord naqas milli jgħaddilha kopja tal-ilment li sar fil-konfront tagħha, bi ksur tar-Regolament 4.10.3 tas-*Social Work Profession Board Inquiry Procedure*. L-appellanta qalet li għandu jirriżulta li l-Bord injora kompletament dawn l-eċċezzjonijiet legali fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, u li kieku tahom id-

debita konsiderazzjoni, m'hemmx dubju li dawn l-eċċezzjonijiet kienu jiġu milqugħa.

9. It-tielet aggravju tal-appellanta huwa aggravju fil-mertu, fejn issostni li bħala *principal social worker* hija kellha d-dritt u d-dmir li tagħmel talba lill-*Malta Community Chest Fund* għan-nom ta' Rita Baldacchino. Qalet li hija ma ddikjaratx fir-rapport tagħha li din l-anzjana hija ommha, mhux għaliex riedet tqarraq, iżda biex it-talba tiġi milqugħa. Qalet li t-talba kellha tiġi evalwata fuq il-merti tagħha irrispettivament mill-identità tal-professjonista u tal-benefiċjarja potenzjali, u l-*Malta Community Chest Fund* naqset bil-kbir meta m'għamlitx dan u ċaħdet it-talba sempliċement għaliex saret mill-appellanta għall-benefiċċju ta' ommha. L-appellanta qalet li l-prassi hija li meta tidħol talba bħal din quddiem il-*Malta Community Chest Fund,* dawn jibagħtu *social worker* sabiex tinvestiga, u huwa abbażi ta' din l-investigazzjoni li t-talba tiġi akkolta jew miċħuda.

10. L-appellanta ċċitat id-disposizzjonijiet tal-Kap. 468 li għamel riferiment għalihom il-Bord fid-deċiżjoni tiegħu, kif ukoll tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika, li l-appellanta tgħid ma jiffurmawx parti mill-Att u mhumiex Skeda għall-Att, u għalhekk m'għandhom l-ebda effett ta' liġi. L-appellanta qalet li waħda mill-funzjonijiet tal-Bord hija li dan jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar il-Kodiċi tal-Etika, u staqsiet kif jista' jkun li persuna akkużata bi ksur tal-Kodiċi tal-Etika mfassal mill-Bord, tiġi prosegwita u ġġudikata mill-istess Bord. Qalet li dan jammonta għal kunflitt ta' interess u ksur tad-dritt fundamentali tal-appellant għal *due process* skont ir-regoli stabbiliti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u ksur tal-prinċipju ta'

ġustizzja naturali *nemo iudex in causa propria.* L-appellanta qalet li hija m'għamlet xejn għajr talba għan-nom ta' ommha sabiex tiġi kkonsidrata mill-*Malta Community Chest Fund* abbażi tal-mertu tat-talba nnifisha, u għalhekk hija bl-ebda mod ma influwenzat il-proċess aġġudikattiv dwar jekk Rita Baldacchino hijiex intitolata għal *microwave oven* o meno, u għalhekk hija la għandha tinstab ħatja ta' ksur tal-provvedimenti tal-Att, u lanqas tal-Kodiċi tal-Etika.

11. Finalment l-appellanta qalet li hija għandha *record* ineċċepibbli f'karriera ta' aktar minn tletin sena ta' ħidma b'riżq il-komunità, u għalhekk ma tistax tifhem għal liema raġuni ttieħdet din id-deċiżjoni fil-konfront tagħha. Qalet li hija intavolat dan l-appell anki sabiex tissottolinea n-nuqqasijiet tal-Bord in kwantu jirrigwarda dawn il-proċeduri, fejn għandu jirriżulta li l-Bord m'għandux rwol aġġudikattiv, u jekk se jiddeċiedi, ma jistax jinjora l-massimi tal-proċedura, kif għamel f'dan il-każ.

**Ir-Risposti tal-Appell**

12. L-appellat **il-Ministeru għall-Ġustizzja Soċjali u s-Solidarjetà, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal** [minn issa 'il-Ministeru appellat'], fir-risposta tiegħu eċċepixxa li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur, stante li l-Bord li ħa d-deċiżjoni fil-konfront tal-appellanta huwa awtonomu. Il-Ministeru appellat qal li l-Bord kien kompost *ai termini* tal-artikolu 9 tal-Kap. 468, u aġixxa fil-parametri legali stipulati fl-istess liġi, u l-pieni imposti huma proporzjonati għall-ħsara li saret lill-professjoni u abbażi tal-artikolu 9(5) tal-Kap. 468. Qal ukoll li l-pern tal-każ qatt ma kien jekk Rita Baldacchino kinitx intitolata għal *microwave*

*oven* jew le, iżda jekk kienx hemm ksur tal-etika *ai termini* tal-klawsola 6.1.6 tas-*Social Work Code of Ethics.* Żied jgħid li dan il-Kodiċi huwa mfassal *ai termini* tal-artikolu 5(1)(i) tal-Kap. 468, u għalhekk kull allegazzjoni li l-Kodiċi tal-Etika ma jiffurmax parti mill-Att u mhuwiex Skeda għall-Att, u m'għandux forza ta' liġi, hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

13. Il-Ministeru appellat spjega li l-proċedura tal-inkjesta hija ben stabbilita f'artikolu 4 tad-dokument intitolat *Social Work Profession Board – Inquiry Procedure ai termini* tal-artikolu 5(i)(j) tal-Kap. 468, u meta wieħed jaqra dan l-artikolu jifhem li huwa umanament impossibbli li l-proċess bil-miktub qabel is-smigħ jitlesta fi żmien 35 ġurnata, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ ta' dan l-appell. Il-Ministeru qal ukoll li mhux minnu li l-Bord ma tax kas tal-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellanta bl-ittra tal-5 ta' Lulju, 2021, u tant hu hekk li l-ewwel smigħ tal-20 ta' Lulju, 2021 ġie differit għal data oħra sabiex il-Bord jilħaq jikseb pariri legali dwar l-eċċezzjonijiet sollevati mill-appellanta. Il-Ministeru appellat qal ukoll li fid-deċiżjoni tal-Bord ma kienx hemm għalfejn isir riferiment għall-eċċezzjonijiet tal-appellanta, u dan għaliex din kienet taf fuq xhiex kienet qegħda tiġi investigata. Qal ukoll li l-appellanta kienet taf ukoll bil-konsegwenzi ta' dak li kienet qegħda tiġi investigata dwaru, għaliex dawn joħorġu mill-Kap. 468, u l-appellanta ngħatat anki r-raġuni għalfejn ġiet applikata piena u mhux oħra fil-konfront tagħha. Il-Ministeru appellat qal li fil-każ odjern il-Bord għamel xogħlu bl-aħjar mod possibbli u skont il-poteri li ttih il-liġi, sabiex iwassal il-messaġġ li l-professjonisti għandhom dejjem jaġixxu skont il-kodiċi, u f'dan il-każ la kien hemm akkaniment żejjed u lanqas intużat xi proċedura li l-Bord ma kellux juża.

14. L-appellata ***Malta Community Chest Fund Foundation*** [minn issa 'il-Fondazzjoni appellata] fir-risposta tagħha qalet li hija mhijiex leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex hija ma kellha l-ebda involviment fid-deċiżjoni tal-Bord li qegħda tiġi appellata. Spjegat li l-involviment tagħha f'dan il-każ kien wieħed limitat ħafna, fejn l-appellanta għamlet rakkomandazzjoni sabiex Rita Baldacchino tingħata *microwave oven,* u sussegwentement kien hemm korrispondenza fejn l-appellanta kienet ġiet infurmata li l-Fondazzjoni appellata kienet talbet li ssir investigazzjoni mill-Bord dwar il-kondotta tagħha. Qalet li għalhekk hija ma kinitx involuta fid-deċiżjoni tal-Bord, u l-involviment tagħha kien limitat għal rapport dwar l-aġir tal-appellanta.

15. Il-Fondazzjoni appellata spjegat li skont l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali, l-iskop tal-Bord huwa li jirregola l-prattika u l-eliġibbilità biex ikun prattikat ix-xogħol soċjali f'Malta, u partikolarment biex jinvestiga kull każ ta' imġiba professjonali ħażina, negliġenza serja jew inkompetenza tal-ħaddiema soċjali. Il-Fondazzjoni appellata qalet li għalhekk l-awtorità li tirregola l-professjoni tax-xogħol soċjali u li tassigura l-i*standard* ta' din il-professjoni huwa l-Bord u mhux hi, u hija m'għandha l-ebda involviment jew awtorità sabiex tirregola l-professjoni jew tagħti deċiżjoni bħal dik mertu tal-proċeduri odjerni. Qalet li għalhekk huwa kompletament illoġiku li hija tintalab tirrispondi għall-pretensjonijiet tal-appellanta, meta hija ma kellha l-ebda rwol f'dan il-proċess.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, il-Fondazzjoni appellata qalet li kif jidher ċar mir-regoli ċċitati mill-appellanta stess, huwa l-Bord li

għandu jiffissa data għas-smigħ fiż-żmien xieraq, u li kienet responsabbilità tal-istess Bord li jieħu in konsiderazzjoni ta' din l-eċċezzjoni meta kien qiegħed jiddeċiedi l-każ odjern.

17. B'riferiment għall-aggravju dwar il-mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Fondazzjoni appellata qalet li r-raġunament tal-appellanta huwa illoġiku, għaliex ir-regoli li jirregolaw il-kondotta tal-ħaddiema soċjali espressament jipprojbixxu lill-ħaddiema soċjali milli jipprovdu s-servizzi tagħhom lil individwi li jkollhom relazzjoni personali magħhom. Qalet li għalhekk meta hija ndunat b'dan, kien dmir tagħha li tirrapporta dan l-aġir.

18. L-appellat **Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta** wieġeb li huwa kompost *ai termini* tal-artikolu 9 tal-Kap. 468, u fil-każ odjern aġixxa entro l-parametri legali kif dedotti fl-istess liġi. Żied jgħid li l-pieni imposti huma proporzjonati għall-ħsara li saret lill-professjoni, u abbażi tal-artikolu 9(5) tal-Kap. 468. Żied jgħid li l-pern tal-każ ma kienx jekk Rita Baldacchino kinitx intitolata għal *microwave oven* jew le. Żied jgħid li l-proċedura tal-inkjesta tgħid li s-smigħ kellu jsir fi żmien 35 ġurnata minn meta ssir l-allegazzjoni, kif stabbilit fl-artikolu 4 tad-dokument intitolat *Social Work Profession Board – Inquiry Procedure,* u meta wieħed jaqra dan l-artikolu jinnota li huwa umanament impossibbli li l-proċess bil-miktub qabel is-smigħ jitlesta fi żmien 35 ġurnata. Il-Bord żied jgħid li tant kemm l-allegazzjoni tal-appellanta hija infondata fil-fatt u fid-dritt, fejn din tallega li l-Bord ma ta l-ebda konsiderazzjoni lill-eċċezzjoni preliminari sollevata minnha bl-ittra tal-5 ta' Lulju, 2021, li l-ewwel smigħ li kellu jsir fl-20 ta' Lulju, 2021, ġie sospiż u differit għal data oħra sabiex il-Bord jilħaq jikseb parir legali dwar l-eċċezzjoni sollevata mill-appellanta. Ġie spjegat li l-

parir li kellu l-Bord kien li f'dawk il-35 ġurnata kellhom jitlestew il-proċeduri bil-miktub u tiġi kkomunikata d-data għas-smigħ, u l-Kumitat kien kompost *ai termini* tal-artikolu 9 tal-Kap. 468. Il-Bord żied jgħid li l-appellanta kienet taf dwar xhiex kienet qegħda tiġi investigata, kif jirriżulta mill-komunikazzjoni li saret magħha fuq medda ta' diversi ġimgħat, u anki ngħatat ir-raġuni għalfejn fil-konfront tagħha ġiet applikata piena u mhux oħra. B'riferiment għall-kliem użat fir-rikors tal-appell, il-Bord qal li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda akkaniment żejjed, u l-Bord għamel xogħlu bl-aħjar mod possibbli u skont il-poteri li ttih il-liġi, sabiex iwassal il-messaġġ li l-professjonisti li huwa responsabbli għalihom, għandhom dejjem jaġixxu skont il-Kodiċi, kif ukoll li ma ntużat l-ebda proċedura li ma kellhiex tintuża.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji sollevati mill-appellanta, kif ukoll dwar xi eċċezzjonijiet preliminari li ġew sollevati mill-appellati, ewlenija fosthom il-kwistjoni dwar min huwa l-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni. Mill-atti jirriżulta li l-Bord li ddeċieda dwar il-kondotta tal-appellanta, huwa bord amministrattiv li ta deċiżjoni bil-miktub fil-konfront tal-appellanta fil-forma ta' ittra. Din id-deċiżjoni għalhekk, kuntrarjament għal deċiżjonijiet li jingħataw mill-Qrati, Bordijiet u Tribunali oħra, ma kellha l-ebda okkju, iżda kienet biss deċiżjoni mogħtija minn bord fil-konfront ta' professjonista li hija regolata minnu, minħabba n-natura tax-xogħol tagħha. Il-Qorti hawn tagħmel riferiment għal diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna proprju dwar id-definizzjoni ta' 'leġittimu kontradittur'

f'kawża, fosthom dak li qalet din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Burmarrad Commercials *vs.* Desmond Mizzi et**[1]:

> "... b'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralità t'atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni t'effetti ġuridiċi fl-ambitu tad-drittjiet bejn żewġ suġġetti jew aktar."

20. Fis-sentenza fl-ismijiet **Grace Sacco *vs.* Is-Supretendent Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex et**[2], ingħad illi:

> "Hu fatt li sabiex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-leġittimu kontradittur ta' parti f'kawża, jeħtieġ li fl-ewwel lok jiġi stabbilit fuq bażi ta' *prima facie* jekk il-persuna li ġiet imħarrka kinitx materjalment involuta f'dak li minnu qiegħda tilmenta l-attriċi. Ċioe jekk bl-aġir tiegħu ħoloq relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif ġew proposti mill-attriċi."

21. Fis-sentenza fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe *vs.* Joseph Pace et**[3], il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjoni:

> "Min jeċċepixxi li hu mhux leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."

22. Din il-Qorti tqis il-Ministeru għall-Ġustizzja Soċjali u Solidarjetà, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal mhuwiex leġittimu kontradittur f'dan l-appell, għaliex il-funzjoni tal-Ministru kif definit fl-Att, hija limitata għall-ħatra ta' uħud mill-membri li jiffurmaw il-Bord, u ċertament li fil-każ odjern il-Ministeru appellat ma kellu l-ebda rwol jew involviment. Mhux l-istess jista' jingħad għall-appellata *Malta Community Chest Fund Foundation,* li kienet hi li għamlet rapport fil-

[1] 28.02.2007.
[2] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri),16.10.2007.
[3] Q.A., 03.10.2008.

konfront tal-appellanta, u għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li din għandha *locus standi* fil-ġudizzju sabiex twieġeb għall-aggravji sollevati mill-appellanta f'din l-istanza, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-kwistjoni. Jirriżulta li l-investigazzjoni tal-Bord skattat fuq ilment tal-Fondazzjoni appellata, u għalhekk huwa loġiku li hija għandha tkun parti f'dawn il-proċeduri tal-appell. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta kienet korretta meta f'dan l-appell iċċitat lill-*Malta Community Chest Fund Foundation* u lill-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta bħala appellati, u dan meta l-proċeduri li ppreċedew dan l-appell ma kellhom l-ebda okkju.

23. B'riferiment għal dak li ntqal mill-appellanta li l-Kodiċi tal-Etika ma jiffurmax parti mill-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali, jew minn xi Skeda li taqa' taħt l-Att, u għalhekk m'għandu l-ebda forza ta' liġi, il-Qorti tirrileva li l-Kodiċi ta' Etika huwa regolat bl-artikolu 5(1)(i) tal-Kap. 468, u l-artikolu 17 tal-istess liġi jipprovdi għall-impożizzjoni ta' multi amministrattivi f'dawk il-każijiet fejn jiġi stabbilit li hemm nuqqas ta' imġiba professjonali jew ksur tal-Kodiċi tal-Etika. Għaldaqstant ma jistax jingħad li l-Bord ma kienx qiegħed jimxi pienament entro l-limiti tal-kompetenzi tiegħu meta ta d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tal-aġir tal-appellanta u impona fuqha s-sanzjonijiet preskritti. Hekk stabbiliti dawn il-punti preliminari, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha.

*L-ewwel aggravju:* *[deċiżjoni nulla u bla effett]*

24. L-appellanta ssostni li d-deċiżjoni appellata hija waħda nulla u mingħajr effett stante li m'għamlet l-ebda konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari

sollevati mill-appellanta fl-ittra tagħha tal-5 ta' Lulju, 2021, u stante li d-deċiżjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti ġie puntwalizzat mill-avukat difensur tal-appellanta, li l-Bord iddeċieda li l-appellanta hija ħatja, mingħajr ma speċifika għal xiex hija nstabet ħatja jew abbażi ta' xiex ġie deċiż li din għandha tiġi penalizzata.

25. Id-deċiżjoni tal-Bord tikkonsisti f'ittra riprodotta *supra,* li permezz tagħha l-appellanta ġiet infurmata li hija nstabet ħatja mill-Bord ta' *professional misconduct* u *gross negligence,* wara ilment li sar mill-*Malta Community Chest Fund.* L-imsemmija ittra tgħid ukoll li l-appellanta nstabet ħatja skont l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali, u li għalhekk ġew imposti sanzjonijiet fuq l-appellanta. Din l-ittra ma tagħmel l-ebda riferiment għall-konsiderazzjonijiet tal-Bord f'dan ir-rigward, u minkejja li l-appellati jippruvaw jilqgħu għal dan in-nuqqas billi jgħidu li l-appellanta kienet taf għalfejn kienet qegħda tiġi investigata, dan ma jfissirx li l-Bord kien ġustifikat jagħti deċiżjoni mingħajr ma jimmotivaha u mingħajr ma jgħid għal liema raġuni l-appellanta nstabet ħatja wara l-investigazzjoni li saret fil-konfront tagħha. Il-Qorti tifhem illi f'dan il-każ id-deċiżjoni ngħatat minn bord amministrattiv, madanakollu xorta waħda għandu jiġi osservat il-prinċipju li trid tingħata raġuni għal kull deċiżjoni li tittieħed. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanta, għaliex il-Bord ma setax sempliċement isib ħtija mingħajr ma jispeċifika għal liema raġuni l-appellanta nstabet ħatja. Marbut ma' dan l-aggravju, hemm ukoll it-tieni aggravju tal-appellanta, li l-Qorti sejra wkoll tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwaru.

*It-tieni aggravju:* *[difett fil-proċedura segwita mill-Bord]*

26. L-appellanta spjegat li r-Regolament 4.9 tal-Proċedura (*Social Work Profession Board Inquiry Procedure*) jistipula li "*[t]he Board shall appoint a date for the hearing of the allegation within thirty-five days from the filing of the allegation".* L-appellanta żiedet tgħid li l-Bord kellu wkoll l-obbligu li jgħaddilha kopja tal-ilment li sar fil-konfront tagħha mill-*Malta Community Chest Fund Foundation,* xi ħaġa li l-appellanta tgħid li ma saritx, għalkemm mill-atti jirriżulta li kopja tal-ilment li sar fil-konfront tal-appellanta ġie mgħoddi lilha permezz ta' *email* wara li kienu nbdew il-proċeduri quddiem il-Bord.

27. L-appellanta ssostni li l-Bord kien marbut b'perijodu ta' dekadenza ta' ħamsa u tletin (35) ġurnata li matulhom kellu jibda jinstema' l-każ fil-konfront tagħha. Min-naħa tiegħu l-Bord jikkontendi li huwa għandu perijodu ta' ħamsa u tletin (35) ġurnata sabiex jiffissa data għas-smigħ tal-proċeduri. Il-Bord laqa' għal dan l-aggravju billi qal li huwa umanament impossibbli għalih li jiffissa data għall-bidu tas-smigħ fi żmien ħamsa u tletin jum minn meta jsir l-ilment, għaliex fil-każ odjern l-appellanta ngħatat perijodu ta' ħamsa u għoxrin (25) ġurnata sabiex tressaq ir-risposta tagħha għall-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tagħha, u l-appellanta utilizzat t-terminu kollu konċess lilha sabiex resqet tali risposta. Il-Qorti tqis li r-regoli tal-proċedura jistipulaw terminu ta' dekadenza anki għaliex mhux fl-interess tal-ġustizzja li proċeduri bħal dawn idumu ma jinbdew. Interpretazzjoni loġika tal-kliem użat fir-regoli tal-proċedura twassal għall-konklużjoni li l-Bord għandu jiffissa data għall-bidu tas-smigħ tal-proċeduri fi żmien ħamsa u tletin (35) ġurnata minn meta jirċievi l-ilment. Fil-każ odjern jirriżulta li minkejja li l-ilment tal-*Malta Community Chest Fund Foundation* sar lill-Bord fit-30 ta' Marzu, 2021, il-Bord innotifika lill-appellanta b'dan l-ilment b'ittra datata l-14 ta' Mejju, 2021, u għalhekk ferm wara li kien

skada t-terminu impost fir-regoli tal-proċedura. Il-ħamsa u għoxrin (25) ġurnata mogħtija lill-appellanta sabiex twieġeb għall-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tagħha bil-miktub bdew jgħaddu mid-data tan-notifika lilha tal-ittra tal-14 ta' Mejju, 2021, u f'din l-istess ittra l-appellanta ġiet infurmata li s-smigħ tal-proċeduri kien ser jibda fl-20 ta' Lulju, 2021. L-avukat difensur tal-Bord issottomettiet li l-appellanta għamlet użu mit-terminu kollu ta' 25 ġurnata konċess lilha għar-risposta, u għalhekk ma kienx possibbli għall-Bord li josserva t-terminu stabbilit bil-liġi. Però mill-atti jirriżulta li l-Bord ħa ferm aktar minn 35 ġurnata biex sempliċement innotifika lill-appellanta li kienet ser tinbeda investigazzjoni fil-konfront tagħha, u għalhekk is-sottomissjoni tal-avukat difensur tal-Bord qajla tista' tiġi sostnuta. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju huwa mistħoqq u tilqgħu, u għar-raġunijiet spjegati ssib li d-deċiżjoni tal-Bord hija nulla u mingħajr effett, u dan in vista tan-nuqqasijiet proċedurali indikati mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha.

28. In vista tas-suespost, din il-Qorti tqis li m'għandhiex għalfejn tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju fil-mertu, u dan għaliex qiegħed jiġi deċiż li deċiżjoni tal-Bord hija nulla stante li dan naqas milli josserva r-regoli proċedurali preskritti.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tilqgħu, billi filwaqt li tillibera lill-Ministeru appellat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri,**

**tiddikjara li d-deċiżjoni appellata hija nulla stante li mhijiex motivata, u l-Bord naqas milli jimxi mat-terminu ta' dekadenza preskritt fir-regoli proċedurali.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza u l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-Bord.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**